mill-ħlewwiet tal-ħajja — ilħna li jfeġġu kollha mill-
Fontana misterjuża
Ta' ħolm u ta' xewqat —
minn din il-ħaja misterjuża li tħallmek bl-ideal u tħallik tixtiequ Dan ir-ritornell mhux għajr għajta patetika lill-Ħajja biex tagħti dak li twiegħed. Imma l-ħolma tibqa' xewqa — ħelwa għax imġarrba u mixtieqa, xħiħa għax ma sseħħ qatt.

L-aħħar għajta ta' Rosar Briffa, mgħattan mill-ħajja, imxennaq għalxejn biex jara l-ħolma sseħħ, nistħajjilha l-aħħar għajta ta' Oswald lil ommu fi tmiem id-dramm ta' Ibsen, **Fatati,** hekk kif dehnu qed jitilqu: "Ix-xemx — ix-xemx..."

F'lejlet jum il-mejtin ta' l-1962, Rosar Briffa semma l-aħħar ilment tiegħu. Għaliex dan l-uġigħ? Għaliex dan iċ-ċħid? X'ikun dan il-misteru? Imma l-Liturġja ġdida tidwi fil-moħħ tal-poeta li qal lil Ġużè Aquilina: "Jien introvert, imma nisrani u nemmen fil-ħajja li ġejja."

Imbagħad is-skiet.

## FIŻ-ŻIFFA MEJTA

Fiż-żiffa mejta ta' dal-lejl komuni
jitkellmu magħna l-ilħna tat-telliefa
li għerqu f'dan il-baħar fond qabilna,
u joħonquna d-dellijiet li jduru
madwarna għax tgerfxu donnhom sriep storduti,
u jtir fuq rasna l-gawwi li jitniehed
bla jaf għaliex kif jara lilna nibku,
u jidhru l-uċuħ strambi li ħabbejna
iħarsu ċassi bħal min jifhem kollox,
u mmutu jien u int bħal żewġ għasafar
li dehru taħt is-siġra li rabbiethom
fil-għodu kmieni wara lejl ta' xita.

OLIVER FRIGGIERI



## IL-KAPPILLAN TA' KNISJA MWARRBA

Minn mindu ġejt, Madonna, f'dil-kappella
imdawra bil-għelieqi,
'il bogħod mill-eqreb raħal,
mill-ewwel drajt lil dawn il-gabillotti;
m'għandekx l-irħam iżejjen lil artalek,
'mma biss injam u żonqor;
id-deheb ma tafx x'inhu;
il-fjur quddiemek
biss xi ftit sardinell minn ġo xi bitħa,
jew ftit ranċis mill-blat...
U x'riħa jkollhom fuqhom
il-gabillotti!
riħa ta' mogħoż u bodbod
fuq l-ilbies tagħhom;
riħa ta' tewm u basal
ħierġa minn fommhom;
xi darba r-riħa
li tagħmel il-fażola
tisboq saħansitra
dik tal-inċens!
Iżd'inti drajt, Madonna,
u fuq is-siġġu
int dejjem hemm, titbissem, b'ħarsa ħelwa
li fil-qalb tinżel
ta' dawn il-gabillotti
ħelwa daqs il-għasel.
Mhux hekk il-Kappillan, Madonna;
dan jixtieq f'qalbu
jagħmilha mal-puliti;
iħobb jindilek
bl'eau de cologne;
jixtieq suttana ħamra,
ružetta fuq subgħajh u mitra f'rasu,
jixtieq min isejjaħlu
Monsinjur!

16.12.77

ANTON BUTTIGIEG